# IN-NAĦLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*


**114.** **5 ta' NOVEMBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Ġesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Ġesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jiabagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# PINNUR??

Meta xi ħadd ma jakbillux chif naħsbuha f'il politica arah f'loc li jirraġuna miegħec u juric fejn għandec tort malajr ijżarżarlec ma' ŭidnejc li int: «*pinnur.*»

Meta ŭieħed ijcollu fehma u għal xi interess jeŭ mibegħda personali jgħid jeŭ jicteb il cuntrarju jcun ta' min ijmakdru ħafna għaliex ħadd ma għandu jinkeda b'il politica u jżeffen il pajjis għal butu jeŭ għall mibegħda tiegħu.

Iżda jecc ŭieħed ijcollu fehma u jcun kiegħed ijżomm fiha għaliex jidhirlu li tcun ta' gid għall pajjis u ŭara jinkala xi ħaġa jeŭ ijsir ŭieħed jaf b'xi ħaġa li ma tcunx għadha sarct jeŭ instemgħet kabel, min hu dac li jista jċanfrec b'ir-raġun jecc inti isseŭŭi dic il fehma u tibda ticteb jeŭ tgħid il cuntrarju ?

Per esempju jiena chelli fehma tajjba ħafna f'il Cunsilieri kabel il «black day» ta'l 14 ta' ottubru għaliex dejjem chien bakagħli it-tama li sejjrin joħorġu ta' irgiel u jżommu chelmit-hom; iżda meta rajt li ħarġu ta' vavi jiena tlift il fiduċia li chelli fihom u illum kiegħed nieħodha contra tagħhom biex jecc nista inŭakkagħhom min hemm fuk, min hu dac li jista jatini tort u jgħajjarni *pinnur?*

Chiecu il Cunsilieri ħarġu ta' rgiel u ma daħkux f'ŭiċċ l-eletturi jiena cont inżomm magħhom u nakbeż għalihom għa-liex jiena ma għandi l-ebda mibegħda jeŭ għejra personali con-tra tagħhom; iżda jecc huma fettlilhom li ma jżommux chelmit-hom u jilagħbuna għandi jiena biex ma jgħidulix «*pinnur*» nibka inżomm magħhom, infaħħarhom jeŭ nakbeż għalihom ?

Le, ħalli il cullħadd ijgħid li jrid u li jogħġbu; sa chemm il fehma tiegħi tcun mibnija fuk is-seŭŭa u għal gid ta'l pajjis nibka nimxi dejjem dritt u jecc hemm bżonn li għall gid ta'l pajjis inbiddel fehma culi gimgħa nagħmlu ucoll. Iżda naraŭ ftit x'fehmiet biddilt f'il politica f'chemm ilha toħroġ in-«Naħla» u naraŭ il għala biex tcunu tistgħu taraŭ jecc għamilthiex ta' *pinnur* għall gid jeŭ għad-deni ta'l pajjis.

L-eŭŭel politica tiegħi chienet contra is-Sur Cicc għaliex cont kiegħed inħares lejn id-difetti personali tiegħu u għaliex dehirli li b'il politica li chien miexi ma satax jasal fejn ridna aħna għal gid ta'l pajjis.

Li dic il politica ma chienetx tajjba il-lum is-Sur Cicc stkar-ru hu stess billi fl'*Avvenire* tiegħu kal chemm il darba li sbalja u għalhecc meta conna contra tiegħu chellna raġun u m'hux tort. Barra minn dana irrid inżid li allavolja cont contra tiegħu f'il politica, meta is-Sur Dalli għax ħallejtlu in-«Naħla» f'idejh chiteb li għoġbu u attaccah personalment jiena ma ħadtx pjacir li isserva b'dana il mod b'il gazzetta tiegħi u bkajt sa ftiltha miegħu. Haŭn daħal f'il politica il Contin Caruana-Gatto li fih u fl-intelligenza cbira tiegħu għandi fiduċja bla taif, u meta tkanklet il burraxca ta'l elezjonijiet bejn il Partit Nazjonali u il Blocc Liberali ħadt lilu b'boxxla tiegħi u ŭara li ippersùadieni liema chienet it-triek it-tajjba għal gid ta'l pajjis imxejt ŭarajh u ħdimt chemm flaħt għa'n-Nazjonalisti biex chellhom dic ir-rebħa li cullħadd jaf. Chelli forsi nibka naħsibha bħal Ninu Dalli u m'hux bħal Contin Carŭana-Gatto biex ma jgħidux li jien *pinnur?* Chelli forsi nimla in-«Naħla» bl-attacchi personali bħal ma chien jixtiek is-Sur Dalli u bħal ma għadu bla ħeda jagħmel hu minn ŭara il colonni ta'l «Malta Tagħna» ? Chelli nibda il politica infami ta'l calunnji, ta't-tnassis, ta's-sefsif, ta'l mibegħda personali u ta'l mandraġġ biex ma ncunx «*pinnur?*» Le, jiena f'loc ma ħadt bħal boxxla lil Ninu Dalli ħadt lil Caruana-Gatto u naħseb li ħadd minncom ma jatini tort jecc ma servejtx lil Ninu Dalli b'il gazzetta tiegħi, għal personalità tie-għu. U b'hecc minn għadu politicu u katt personali ta's

# L'Appostolat tat-Talb

*( Jissocta minn numru ta' kabel . )*

7. Il Libretti joħorgu collha mil Cumitat Centrali: u dan ikassamhom lil Cumitati tal postijet bin-numri taħħom ŭara xulxin.

8. Cull Caxxier ta cull Cumitat tal post jibgħat, cull ħmistax il giurnata, lil Cumitat Centrali, nota bl'ismijet collha ta dauc l'icunu kiegħdu flushom għandu u bis-somom l'icunu tkiegħdu minn cull ŭieħed minnhom, chif ucoll bil giurnata ta cull tkiegħid. Flimchien man-nota, jibgħat il flus collha migburin f'dauc il ħmistax il giurnata u in-nota tcun iffirmata mil President tal post ucoll.

9. Cull min icun irid jarġa jieħu flusu l'ura jeu xi biċċa minnhom, ghandu juri il Librett lil Caxxier tal post fejn kieghdhom: imma jaħtieġ javza tliet ti jem kabel. Min jarġa jieħu flusu kabel icu. u għalku is-sitt xhur tal imgħax, ma jieħux mgħax ta dauc is-sitt xhur.

10. Icun dejjem magħruf bħala sid il Librett min jippresentah biex jieħu il flus imnizzlin fiħ jeu li mgħax taħħom.

11. Il Caxxier tal Cumitat Centrali izomm zeuġ Cotba (*Registri:*) il Ctieb tal *Cont-current* ma cull ŭieħed l'ikiegħed flusu (jigifiari x'ikiegħed u x'jieħu) u il Ctieb tal *Caxxa* (jigifieri id-dħul u il ħruġ ta collox.

12. Il President tal Cumitat Centrali u cull Membru iħor ta dan il Cumitat li jigi magħzul mill President, icun jista, f'cull zmien, jara il Cotba tal Cumitati tal postijet, biex jisgura-ruħu li collox kiegħed isir scond ir-Regulamenti.

13. Il Caxxier tal Cumitat Centrali jati il Contijet cull sitt xhur u li stess Cumitat Centrali jagħzel zeuġ Revizuri, biex, fl'euŭel lakgħa tiegħu, jatuh ir-Rapport ta dauc il Contijet.

14. Il Caxxier tal Cumitat Centrali ikiegħed cull gimgħa il flus collha li jidħlulu f'Banc ta Malta.

15 Il Cumitat Centrali icun jista jati b'li mgħax jeu iħaddem f'titoli m'illakua (*fondi pubblici tal prima classi*) cull somma ta flus li jidħirlu, għal gid tal fokra tal Gzira.

16. Ħadd min-nies tal Cumitat il Cbir (*centrali*) u tal Cumitati iz-zgħar (*tal postŭiet*) ma jitħallas ta xogħlu.

17. Il klieħ li jibka minn fuk li mgħaxijet tal flus imkiegħdin fil *Caxxa tat-Tifdil*, bħalma ighidu it-tieni u id-disa' articolu ta daŭn ir-Regulamenti, chif ucoll il fdal li jatu is-somom zgħar ta bla mgħax, u il frott ta xi flus li nies tal-carità icunu iridu jatdau lil din il Caxxa, u dac li jistgħu iroddu xi rigali mogħtija lil din il Għakda 'Mkaddsa, u cull ġmieħ iħor li Minnha isir, collox jintefak fil għajnuna tal Fkar: imma, fost daun, icunu dejjem maħturin dauc li xi darba icunu kiegħdu xi flus f'din il *Caxxa tat-Tifdil*.

Mgħoddijin fil Lakgħa tat-18 ta settembru, 1910.

WALTER AGIUS,
*Segretarju.*

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seŭda għal cotba jeŭ għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jicteb Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

# L-ILTIM
## Fuk kabar Ommu u Missieru

Fost il ħimda ta' daŭn l'okbra,
Fost il ktajja ta' mejjtin,
Il għeżież li taŭni il ħajja
Haŭn jinsabu midfunin.

Cbir b'il bosta hu 'l-ħemm tiegħi;
U min għandu ħniena minni ?
Ingħix ŭaħdi, bla ma għandi
Min f'id-dueŭjak ijŭieżinni.

Jecc in-nies jaraŭni nibchi,
Jeŭ nitnieħed jisimgħuni,
B'iċ-ċanfir, għax indejjakhom
Dlonc minn ħdejhom ijcheċċuni.

Ah ! missier u omm minn tiegħi,
Minn da't-tokol ta'n-ngħas tagħcom
Chemm nixtiek illi nkajjimcom
Sabiex kalbi nfarraġ magħcom !

Hall'taraŭ f'hiex jinsab bincom,
F'liema nichet, f'liema mrar !
Fejnu iż-żmien li contu miegħi ?
Chif bħal leħħa spiċċa u tar !

Ruħcom marret ġo dinj'oħra ;
Kalb it-trab u 'd-dud gisimcom ;
Biss ħallejtu dmugħ f'għajnejja,
Ugiegħ f'kalbi u f'moħħi isimcom !

Jien ma' min kiegħed nitchellem ? . . .
Ma' da'l ħgar li ma jismax ? . . .
Ma' da't-trab, illi 'l hemm tiegħi
Ijfarraġli ma jistax ?

—«Chif tkarrakt, ja ltim imsejchen !
Chif l-imħabba daħket bic !
Xi trid tokgħod faraġ tfittex ?
Dmugħ u lfiek hemm biss għalic !

Ja Mulej, li bichi ltiema
M'is-smeŭŭiet tisma ħanin,
Lejn da'l ltim fis ħarsa ħares,
Ja Missier ta'l imsejcnin ! »

Lilec għandi ? 'l culħadd għandi !
Dejjem ħadt Inti ħsieb tiegħi ;
Int tagħdirni ; Int tfarraġni:
Inti tiekaf f'cull ħin miegħi !

Iżjed le ma ndejjakx kalbi,
La Int tħares dejjem lejja ;
Iżjed kalbi le titnieħed,
U m'id-dmugħ jinxfu għajnejja.

S. A. S.

*(M'is-«Sebħ.»)* *( Sac: A. Sisner ? )*

# IT-"TOSCA"

It-Teatru Rjal tagħna fetaħ dina is-sena bl-opra tant sabiħa ta' G. Puccini imsejjħa «**TOSCA**.» Ma hemmx bżonn li nokgħod infaħħrilcom il musica li issaħħar tagħha għaliex naħseb li smajtuha chemm il darba. Għalhecc sejjer nitchellem magħcom biss fuk il-*librett* ta'l opra biex meta tmorru it-teatru xi darba tisimgħuha tcunu tistgħu tifhmu x'ijcun għaddejj minn kuddiem għajnejcom u b'hecc tcunu tistgħu tifhmu u tħossu il musica aħjar.

Is-soġgett hu meħud minn fuk id-dramm ta'l famus chittieb franciż li miet ma ilux, Victorien Sardou. Billi bħala dramm *prosa* ingħoġob ùisk il cbir poeta taljan Giacosa, megħjun minn Illica għal dac li hu taksim ta'x-xeni, daħal għaliħ biex jagħmlu poeżija u joħroġ minnu librett għal Puccini. U irnexxeù tasseù għaliex it-«Tosca» tant għal ġmiel ta'l-librett chemm ucoll ta'l musica tagħha hi magħduda bħala ùaħda m'il isbaħ opri moderni.

Il PERSONAĠĠI ta' dana il melodramma huma daùn:—

FLORIA TOSCA, mara sabiħa u li chienet imfaħħra bħala cantanta. Il parti tagħha tagħmilha il *primadonna*.

MARIO CAVARADOSSI, pittur (*tenur*).

Il BARUNI SCARPIA, Cap ta'l Pulizija (*baritonu*).

CESARE ANGELOTTI (*baxx*).

Is-SAGRISTAN (*baritonu*);—SPOLETTA, membru ta'l Pulizija (*tenur*); SCIARRONE ġandarm (*baxx*) u oħrajn ankas importanti.

Il ĠRAJJA saret f'Ruma, f'ġunju ta' 1800, igifieri mija u għaxar snin ilu.

L-EÙÙEL ATT.

*Ix-xena turi il Cnisja ta' Sant' Andrea della Valle, f'Ruma, minn ġeùùa. Ma'n-naħħa ta'l jemin tidher il Cappella ta'l Familja Attavanti. F'ix-xellug hemm armar b'fuku qùadru cbir imgħotti, u ħdejh il għodda ta' pittur u koffa żgħira.*

L-eùùel ma jidher fuk il palc hu Angelotti, liebes ta' ħabsi u collu imceùlaħ u jirtogħod b'il biża. X'ħin jagħraf fejn chien ijfittex ħdejn il fonti ta'l ilma imbierec u jsib il muftiħ li chienet ħbietlu hemm oħtu. Jiftaħ bih b'il mod ir-rixtellu ta'l ħadid li jagħlak il Cappella Attavanti u jistaħba ùara li jagħilku minn ġeùùa. Haùn jiffaċċa is-sagristan b'il pnieżel f'idejh li tah jaħsillu il pittur Cavaradossi u li chien kiegħed ijpingi il qùadru f'dic il cnisja. Iżda Cavaradossi chien għadu ma giex, għalhecc ħalliehomlu fuk l-armar, leùa irċopptu u beda jgħid l-*Angelus*. Haùn jidħol il pittur u jicxef il qùadru li chien fih il Madalena b'għajnejha żorok u bi dlielha donnhom xita ta' żbul-id-deheb. Is-sagristan jibka b'ħalku miftuħ b'il għageb x'ħin jagħraf f'dic il Madalena ix-xbiha ta' dic li ftit ġranet kabel chienet giet titlob f'riġlejn dic il Madonna fejn Angelotti sab il muftiħ li semmejna. Cavaradossi jitbissem jidħak u ma jgħidlux le u f'il ħin li joħroġ m'il but medaljun li jibda jpingi tuku b'telfa cbira jinfexx ijcanta:—

*Recondita armonia*
*di bellezze diverse! ... È bruna Floria,*
*l'ardente amante mia,*
*e te, nobile fior, cinge la gloria*
*dell'ampie chiome bionde!*
*Tu azzurro hai l'occhio e Tosca ha l'occhio nero!*
*L'arte nel suo mistero*
*le diverse bellezze insiem confonde:*
*ma nel ritrar costei*
*il mio solo pensier, Tosca tu sei!*

Is-Sagristan meta jara u jisma dana jroħd is-salib għax scandalizza ruħu u jibda jgħemgħem bla ma jħalli jisimgħu lil pittur; u f'il ħin li juriħ il koffa bl-ichel jitlak għal rieħu.

Angelotti x'ħin ħaseb li ma chien baka ħadd f'il cnisja daħħal il muftiħ f'is-serratura biex jiftaħ ħalli joħroġ. Cavaradossi meta sama il ħoss daùùar uiċċu minn fuk ix-xogħol. Angelotti għal l-eùùel ħa katgħa tant cbira għax ħaseb li inkabad iżda meta għaraf li chien Cavaradossi feraħ bla tarf u talbu li jgħinu. «U chif int haùn?» jistaksih il pittur. «Ħrabt issa, issa m'il Castel Sant'Anġlu»... u billi jinstama il leħen ta' Tosca gejja Cavaradossi jitolbu li jarġa jistaħba għal ftit sa jibgħatha. Fl-istess ħin jati l-ichel li chellu f'il koffa lil Angelotti biex jitrejjak.

Tosca billi sabet il bieb magħluk u semgħet id-damdim ta' xi cliem taħseb ħażin fih u tlumu. Cavaradossi sguraha li chienet toħlom u ried ijbusha; hi kuddiem il Madonna ma ħallietux, u inxteħtet titlob. Haùn Tosca tistiednu biex ùara li tcanta f'dic il-lejla jmorru passiġġata sa'l villa f'id-daùl ta' kamar u tcanta:—

*Non la sospiri la nostra casetta*
*che tutta ascosa nel verde ci aspetta?*
*nido a noi sacro, ignoto al mondo inter,*
*pien d'amore e di mister?*
*Oh! al tuo fianco sentire*
*per le silenziose*
*stellate ombre, salire*
*le voci delle cose!*
*Dai boschi, dai roveti,*
*dall'arse erbe, dall'imo*
*de' franti sepolcreti*
*odorosi di timo,*
*la notte escon bisbigli*
*di minuscoli amori*
*e perfidi consigli*
*che amolliscono i cuori.*
*Fiorite, o campi immensi, palpitate*
*aure marine nel lunare albor,*
*piovete voluttà, vôlte stellate!*
*Arde a Tosca nel sangue il folle amor!*

Cavaradossi jùiegħidha li għandu jmur ijsibha iżda jitlobha li tħallih ùaħdu biex ijfittex jispiċċa dac ix-xogħol li chellu f'idejh. Tosca tagħraf f'dic ix-xbiha ta'l Madalena li's-sabiħa Attavanti, oħt Angelotti, u tgħir għaliħ u tlumu. Haùn Tosca tgħidlu li il għajnejn żorok ta'x-xbiha ta'l qùadru saħħruh u hu jùiegħibha:—

*Quale occhio al mondo mai può star di paro*
*Al limpido ed ardente occhio tuo nero?*
*In quale mai dell'anima il mistero*
*si rivelò più subito e più chiaro?*
*È questo il desïato è questo il caro*
*occhio ove l'esser mio s'affisa intero.*
*Occhio all'amor soave, all'ira fiero*
*qual altro al mondo ti può star di paro?*

Iżda Tosca b'il forż tridu lil dic ix-xbiha ta'l qùadru jagħmlilha għajnejha suùed bħal tagħha u m'hux żorok bħal ta'l Attavanti u ùara cliem ta' għejra ieħor toħroġ m'il cnisja.

Malli ħarget Tosca, Cavaradossi fetaħ lil Angelotti u dana kallu li oħtu chienet ħbietlu libsa ta' mara taħt l-artal biex malli jidlam seùùa jilbisha u jcun jista jaħrab. Il pittur kallu li aħjar ijfittex ijbeùùeġ il barra u jgħaddi m'il ġnien biex ijmur jinħeba f'villa li chellu f'il krib u hu jmur jilħku la jidlam seùùa; u Angelotti hecc għamel. Cavaradossi kabel te-

lak fehmu ucoll li jecc jinżel f'il ħerża ta'l bir chellu jsib mogħdija li tieħdu ġo għar fejn sata jistaħba. F'il ħin jisimgħu il Castell Sant'Anġlu jispara biex ijħabbar li ħarbu xi calzrati, u billi beżgħu li sejjrin jinkabdu ħarbu it-tnejn lejn il villa.

Il sagristan jidħol f'il cnisja u jsejjaħ lil l-abbatini u il cantanti collha u jħabbrilhom collu ferħan li Napuljun gie mirbuħ u għalhecc f'il cnejjes collha chienu sejjrin ijcantaŭ it-*Te Deum*; u f'it-teatru chienet sejjra tcanta Tosca. Collha ferhu u għamlu għagħa cbira. F'il ħin daħal Scarpia u ċanfarhom talli chienu kiegħdin ijgibu irŭieħhom ħażin f'id-dar t'Alla. Ijgigħel lil Spoletta li jfittex l-irchejjen collha u jara chif jagħmel biex jieħu xi ħaġa minn moħħ is-sagristan. Fl'aħħar ijsibu ir-rixtellu imbexxak u x'ħin jidħlu f'il cappella jsibu imreŭŭħa bl-arma ta'l Attavanti u il koffa ta'l ichel vojta. F'il ħin tidħol Tosca; Scarpia jmur fukha biex jara jistax jakbad xi ħaġa, jatiha l'ilma imbierec b'subgħajh, u f'il ħin ijgħidilha li dic l-imreŭŭħa ta'l Attavanti sabha fuk il palc fejn Cavaradossi chien kiegħed ijpingi dic ix-xbiha li chienet tixbaħ tant l'oħt Angelotti. Tosca inxtegħlet b'il għejra u ħalfet li għandha titħallas m'il pittur u minn dic li serkitulha u telket biex tfittixhom. Scarpia bagħat lil Spoletta baxx baxx biex jara fejn chienet sejjra u ittama li f'il ħin li jakbad lil Angelotti u jsenslu chien ijŭakka ucoll il Tosca li tant chellu gibda cbira lejha geŭŭa idejh. Il folla ta'n-nies li daħlu ma'l Cardinal u'l Capitlu biex ijcantaŭ it-*Tedeum* nebbħuh li chien kiegħed f'il cnisja u inxteħet jitlob għa'r-rcopptejh hu ucoll.

### IT-TIENI ATT.

*Ix-xena turi il camra ta' Scarpia f'il Palazz Farnese b'mejda imħejjija għal ichel u b'tieka miftuħa li tati fuk il bitħa.*

Xħin Scarpia beda jiċcena ħsiebu chien biss ijħeŭden fuk chif l-agħda jgħallak lil Angelotti u lil Cavaradossi u jŭakka il Tosca geŭŭa idejh. Sejjaħ lil Sciarrone u giegħlu jati biljett lil Tosca malli tasal biex tcanta ħalli tidħol ħdejh ijchellimha. F'il ŭakt ŭasal Spoletta u kallu li daħal f'il villa fejn marret Tosca iżda sab biss hemm lil Cavaradossi u m'hux l-Angelotti; iżda billi fehem li jaf xi ħaġa kabdu u giebu il Palazz. Scarpia kallu li għamel seŭŭa u giegħlu jdaħħlu ħdejh f'il ħin li bagħat għal Roberti, il bojja u għal l-Imħallef ta'l Fisc. Scarpia jagħmel cull ma jista biex ijgigħel lil Cavaradossi jgħidlu fejn hu moħbi Angelotti iżda dana jŭiegħbu cull darba li hu ma jaf b'xejn. Scarpia jgegħilhom jieħduh f'il camra ta'l-tortura fejn chienu jlibbsuhom f'rashom circu ta'l ħadid bl-imsiemer li cull ŭaħda chienu jagħfsuhom u jidħlu ġo ngħashom b'ugiegħ l-actar aħrax. Scarpia baka ŭaħdu ma' Tosca u riedha b'il forz tgħidlu cull ma chienet taf fuk Angelotti fejn hu, iżda billi Cavaradossi chien ŭiddibha li ma għandhiex titniffes żammet jebes u la għa't-tħeddid u la għa'ż-żegħil ma tchellmetx tejn. Iżda meta Scarpia sibel u beda jgegħilhom ijcattru l-ugiegħ ta' Cavaradossi u meta Tosca lemħitu collu dmija ma felħetx iżżomm actar u tchellmet li chien f'il bir ta'l ġnien. Haŭn Scarpia feraħ bla tarf għaliex ŭasal fejn ried u giegħilhom ijħollu lil pittur u jgibuh f'il camra tiegħu inċarċar collu dmija fejn meddeŭh fuk cannapè. Tosca meta ratu hecc infexxet tibchi u inxteħtet għa'r-rcopptejha ħdejh titolbu maħfra u kaltlu li stkarret għax ma felħetx tarah ijbati actar. Marju jieħodha contra tagħha iżda f'il ħin jidħol Sciarrone u jħabbar lil Scarpia li Bonaparti rebaħ f'Marengo. Cavaradossi meta sama hecc intela b'il ferħ u kam fuk riġlejh ijżeblaħ chemm jiflaħ lil Scarpia, iżda dana minnufih sejjaħ l-isbirri biex jieħduh il ħabs u f'il ħin li Tosca riedet tmur ŭarajh żammha ġo camartu. Malli raġa beda jiċcena kallha li hi biss chienet tista tifdiħ m'il forca li chienet kiegħda titŭakkaf għalih biss minn għanda ma riedx flus iżda imħabba. Tosca nafret għalih bl-icreħ u ħaditha miegħu bl-aħrax iżda hu bi tbissima chiefra fuk il misħut fommu giegħilha tisma it-tnabar li chienu sejjrin b'Cavaradossi għall meŭt. Haŭn Tosca tibda tcanta is-sabiħa romanza tagħha :—

*Vissi d'arte e d'amor, non feci mai*
*male ad anima viva !*
*Con man furtiva*
*quante pene conobbi, alleviai.*
*Sempre con fè sincera*
*la mia preghiera*
*ai santi tabernacoli salì.*
*Diedi fiori agli altar, diedi gioielli*
*della Madonna al manto,*
*e diedi il canto*
*agli astri, al ciel, che ne ridean più belli.*
*Nell'ora del dolore*
*perchè, Signore,*
*perchè me ne rimuneri così.*

Scarpia ried b'il forż jaf x'sejjra tŭiegeb, Tosca bakgħet tgħid le u iżżebilħu. F'il ħin daħal Spoletta u kallu li Angelotti malli sabuh katel ruħu b'idejh u li għal Cavaradossi collox chien imħejji biex ijsensluh. Haŭn Tosca triegħdet b'il biża għal Marju għaliex chienet tħobbu tasseŭ u x'ħin Scarpia staksiha jecc tgħidx iva jeŭ ijġagħalhom ijgħailkuh Tosca ma felħetx iżżomm iżjed u biex issalva lil maħbub tagħha Cavaradossi ħbiet ŭiċċha bejn idejha u baxxiet rasha. Biss kaltlu li kabel xejn riedet tcun sgura li ma joktlux u għalhecc dana għamel ta' b'ir-ruħu li ordna lil Spoletta biex jisparaŭlu għal taparsi iżda fehmu b'iż-żejjed ċar b'għajnejh li chellu joktlu. Riedet li jcollha carta mn'idejn Scarpia biex tcun tista taħrab m'il pajjis ma' Cavaradossi, u x'ħin Scarpia kagħad b'il kiegħda biex jictbilha Tosca resket lejn il mejda u b'il moħbi kabdet sicchina b'il ponta li chien hemm fukha u ŭarrbitha biex ma jarahielhiex f'idha Scarpia. X'ħin dan kam u mar għal fukha biex ijgħannakha dina nifditlu kalbu biha. Scarpia għajjat għajjta li tŭaħħax u ried jaħtafha iżda hi xeŭlhitu minn tulu; ħaditlu il carta mn'idejh, ħaslet idejha m'id-demm, kiegħditlu żeŭġ candlieri u crucifiss ħdejn rasu, żebilħitu chemm felħet u f'il ħin li kaltlu:— «*dina hi il bewsa ta' Tosca*» ħarget il barra u għalket ŭarajha.

### IT-TIELET ATT.

*Ix-xena turina il blataforma ta'l Castel Sant'Anġlu b'camra żgħira ta's-surgent fejn irregistra isem Cavaradossi.*

Meta is-surgent ħabbarlu li ma chienx bakagħlu ħlief siegħa ħajja oħra biss Marju kallu li ma chienx bakagħlu għana ieħor f'id-dinja ħlief dac iċ-ċurchett ta' sebgħu u li hu chien jatihulu b'kalbu collha jecc ijħallih jicteb chelmtejn lil Tosca kabel ijmut u jecc dana jŭassalhomlha. Is-surgent kal iva, iżda Cavaradossi ma felaħx ijcompli jicteb u għalhecc infexx ijgħid :—

*E lucevan le stelle ed olezzava*
*la terra—e stridea l'uscio*
*dell'orto—e un passo sfiorava la rena.*
*Entrava ella, fragrante,*
*mi cadea fra le braccia e mi narrava*
*di sè; di me chiedea.*
*con volubile impero.*
*Oh ! dolci baci, o languide carezze,*
*mentr'io fremente*
*le belle forme disciogliea dai veli !*
*Svanì per sempre il bel sogno d'amore . . .*
*L'ora è fuggita*
*e muoio disperato ! . . .*
*E non ho amato mai tanto la vita !*

u nfexx jolfok chemm jiflaħ.

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nisthajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijghemgmu li jridu, jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il ghideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġgiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħroġ gazzetta oħra ta' cull ġimgħa li tatih dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

**B'NOFS PREZZ**

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement.* Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbih f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNZANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiha tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

A. LEVANZIN.


# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL
GHAND L'AGENTI F'MALTA







**C. CAMILLERI & SONS**
**50 STR. MERCANTI IL BELT**
CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijħittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

## FRANCOBOLLI

Min ijrid jixtri francobolli użati għall collezjoni jmur ta's-Sliema, Strada Prince of Wales, Nu. 213, cull jum, minn nofs-inhar il kuddiem, u jħassel ħafna bolli sbiħ b'nofs prezz ta'l Catalogu.

ALFREDU FENECH ijgħarraf lil pubblicu li hu ma **jħallasx id-dejn li tagħmel martu Teresa** jecc ma jsirx b'il permess tiegħu. Itthu mela għajnejcom.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

## L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħrog pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħrog l-

### OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, forniment ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ, ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

## INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

### UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

### UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

### UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tie-let flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsns b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

### NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

### Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

### ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.